*Speech by H.E. Marie-Louise Coleiro Preca, President of Malta at the National Diabetes Conference*

13th January 2018

It is my pleasure to open this year's National Diabetes Conference, which brings an important focus on the challenges posed by Type 2 diabetes in Malta, Europe and across the world.

Let me begin by commending the team at Narrative Structures, for facilitating this event, together with MEP Francis Zammit Dimech, co-chair of the European Parliament's European Union Diabetes Working Group, the Malta Diabetes Association, for all their work in this essential sector.

Furthermore, we are honoured by the presence of Dr Andrew Boulton, President Elect of the International Diabetes Federation and an international expert in the area of diabetes, who shall be the keynote speaker for today's conference, alongside a number of other distinguished speakers.

Let me now turn to my mother tongue, for the rest of my opening remarks.

Skont il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete, bħalissa id-dijabete qed jaffettwa madwar erba' mija u ħamsa u għoxrin miljun adult, madwar id-dinja. Qed jingħad li dan l-ammont, se jkompli jiżdied drastikament għal madwar seba' mitt miljun ruħ, sas-sena 2045.

Sadanittant, l-informazzjoni mill-*Eurostat* qed tgħidilna li hemm kważi, tletin miljun ruħ fl-Unjoni Ewropea li jsofru mill-kundizzjoni ta' dijabete kronika, u li n-numru ta' nies li jsofru mid-dijabete qed ikompli jikber aktar ma' l-popoloazzjoni tixjieħ.

Bħalma ħafna minna nafu, id-dijabete, hija waħda mill-kawżi ewlenin globali ta' mewt fid-dinja, u hija assoċċjata ma' numru ta' kumplikazzjonijiet li jwasslu saħansitra, għal dizabilita' f'numru ta' partijiet tal-ġisem fosthom l-għajnejn, il-qalb, il-kliewi, in-nervituri u s-saqajn fost oħrajn.

Skont is-Sur Chris Delicata, iċ-Ċermen tal-*European Coalition for Diabetes* u l-Viċi President tal-*Malta Diabetes Association*, li qiegħed magħna hawn ukoll illum, f'Malta għandna, madwar erbgħin elf ruħ li jgħixu bid-dijabete.

Studju riċenti msejjaħ 'Saħħtek' jistabbilixxi, li wieħed minn tmien adulti Maltin, bejn l-eta' ta' 25 sena u 64 sena, isofru mid-dijabete. Minn dan in-numru, kważi għaxart elef lanqas huma konxji li għandhom id-dijabete.

**Huwa għalhekk, li rrid nieħu l-opportunità, biex inħeġġeġ lill-awtoritajiet tagħna ħalli jikkunsidraw pjan ta' *screening* nazzjonali.**

Minn naħa l-oħra, irrid nirringrazzja lill-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Mediċina, li jaħtfu kull opportunità, biex jagħmlu testijiet tad-demm, f'avvenimenti pubbliċi li jorganizzaw, bil-għan li jkabbru l-għarfien dwar id-dijabete, u jgħinu fl-identifikar tal-kundizzjoni.

Sadanittant, irrid ngħid li sfortunatament għadna nbatu minn stigma, li hija assoċjata ma' nies li jgħixu b'kundizzjonijiet kroniċi, inkluż id-dijabete. L-istigma, tikkawża sitwazzjoni fejn anqas nies, jersqu biex ikunu ittestjati u sussegwentement jingħataw it-trattament, jekk għandhom bżonn, ħalli jtejbu il-kwalità u t-tul ta' ħajjithom.

Il-kwistjoni ta' l-istigma, u n-nuqqas t'aċċess għall-assistenza u kura, huma wkoll kwistjoni li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tidentifika. F'Novembru li għadda, fl-okkażjoni tal-*World Diabetes Day*, intgħażlet it-tema biex tiffoka fuq in-numru kbir ta' nisa li huma f'riskju tad-dijabete, jew inkella li qed jgħixu bil-kundizzjoni.

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, identifikat il-fatt li ħafna nisa, ħafna drabi ma jirċevux kura adekwata, minħabba li jgħixu f'esklużjoni soċjali, fil-prekarjat u/jew taħt id-dell tal-istigma.

Din hija realta' inkwetanti ħafna speċjalment fid-dawl ta' indikaturi globali li jgħidu li, d-dijabete hija fid-disa' post tal-kawżi ta' mwiet fost in-nisa, madwar id-dinja.

Fil-fatt, id-dijabete tikkawża 2.1 miljun imwiet fis-sena.
Iżda din l-informazzjoni tagħtina xaqq ta' tama u li nixtieq niffoka fuqha.

Skont l-indikaturi tal-*Eurostat*, jingħad li aktar ma' jkun għoli l-livell edukattiv, anqas issib il-kundizzjoni tad-dijabete. Il-persentaġġ tad-dijabete, f'dawk in-nies li għandhom livell baxx ta' edukazzjoni, huwa ta' 10.8%. Filwaqt li dawk ta' livell edukattiv medju, huwa ta' 5.7%, u dawk li għandhom livell edukattiv għoli, il-persentaġġ huwa ta' 4.2%.

Għalhekk, l-aqwa tama li għandna għall-prevenzjoni tad-dijabete, f'Malta, fl-Ewropa u lil hinn, huwa li ninvestu aktar f'opportunitajiet akbar ta' edukazzjoni u *awareness*, biex nissensibilizzaw aktar lin-nies fuq il-ħtieġa li, jieħdu ħsieb saħħithom u l-*wellbeing* tagħhom permezz tal-prevenzjoni.

**Hawnhekk irrid nagħti ħajr lill-Assoċjazzjoni tad-Dijabete Maltija, li b'mod volontarju jorganizza kampanji edukattivi u ta' *awareness*, filwaqt li nħeġġeġ lill-*Health Promotion and Disease Prevention Department*, biex ikompli isaħħaħ l-għarfien u l-edukazzjoni fost il-poplu tagħna, għall-prevenzjoni kontra din il-kundizzjoni. Dan għaliex huwa xjentifikament pruvat, li l-isfidi ikkawżati mid-dijabete Tip 2, li hija l-iktar tip ta' dijabete komuni, nistgħu nilqgħu għalihom bil-prevenzjoni.**

Għaldaqstant, huwa importanti li, nqiegħdu l-prevenzjoni bħala prijorità kontra d-dijabete, billi nħeġġu speċjalment, lil dawk l-individwi li għandhom prevalenza akbar għal din il-kundizzjoni biex, jaddattaw stili ta' ħajja li jagħmlu l-ġid għal saħħithom, billi jieklu ikel bnin u jagħmlu attività fiżika.

Jekk inkomplu nsaħħu l-kampanji tagħna biex aktar nies jagħmlu l-bidliet meħtieġa fl-istil tal-ħajja tagħhom, il-ħsara u l-ispiża tad-dijabete jistgħu jonqsu drastikament jew jiġu evitati kompletament.

Skont informazzjoni mill-Assoċjazzjoni Amerikana tad-Dijabete, t-tnaqqis fil-piż jista' jkun mod mill-aktar importanti, biex persuna b'riskju ta' dijabete, jew li qed tgħix bil-kundizzjoni tad-dijabete u tinħtieġ allura tikkontrollaha, tista' ittejjeb is-sitwazzjoni tagħha.

Parteċipanti fi studju magħmul minn din l-Assoċjazzjoni Amerikana, dawk li naqsu 7% tal-piż li kellhom inizjalment, u għamlu eżercizzju regolari, naqsu r-riskju li jiżviluppaw id-dijabete bi kważi 60%.

Huwa ċar li hemm x'nistgħu nagħmlu f'ħajjitna, u f'ħajjet il-familji tagħna, biex effettivament innaqqsu r-riskju tad-dijabete.

Fl-aħħarnett, ikolli nistqarr li d-dijabete f'Malta hija problema nazzjonali u għaldaqstant tinħtieġ soluzzjoni nazzjonali.

**Huwa għalhekk li nemmen li wasal iż-żmien li l-awtoritajiet tagħna jieħdu l-opportunità li jesploraw il-possibilità li nagħtu bidu għal *screening* nazzjonali.**

Minn naħa l-oħra nħeġġeġ biex ikollna aktar sinerġiji b'saħħithom bejn l-awtoritajiet relevanti, l-attivisti fi ħdan is-soċjetà ċivili, u l-professjonisti biex, is-soċjetà Maltija tkompli tiżviluppa edukazzjoni u t-tkabbir tal-kuxjena, u li jkollna sistemi ta' *response* f'waqtu għall-ħtiġijiet tal-Maltin kollha li jgħixu bid-dijabete f'Malta.

Bla dubju ta' xejn irrid nuri s-sodisfazzjoni tiegħi għal ħafna xogħol siewi li sar matul is-snin, u żviluppi oħra li seħħew anke riċentement, fis-sistema ta' kif tingħata l-kura, u kif tiġi immaniġġjata l-kundizzjoni tad-dijabete mill-awtoritajiet tagħna. Iżda bla dubju ta' xejn, nafu li għad fadal x'isir.

Nikkonkludi billi nerġa' nirringrazzja lil kulħadd, iġifieri lil dawk kollha li għamlu din il-konferenza possibbli, lill-kelliema imminenti kollha li ser jipparteċipaw u lilkom li attendejtu għal din il-konferenza.

Nawguralkom konferenza kostruttiva, u nħares 'il-quddiem biex niġi aġġornata dwar dak li se jiġi diskuss.